MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 81/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**VS**

**Albert Mifsud, iben Giovanni u Paola nee' Bonanno, imwieled Zejtun nhar id-9 ta' Gunju, 1958, residenti fil-fond Annbert, 1, Triq l-Isfejger, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' numru 421658M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Albert Mifsud** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Jannar, 2003 u fil-jiem ta' qabel, fiz-Zejtun u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' top-up vouchers tat-telefons cellulari, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati

b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

2. U aktar talli fil-25 ta' Jannar, 2003, u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond erba' armi tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-ahharnett fil-25 ta' Jannar, 2003, u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, erba' armi tan-nar barra minn fond jew post illi jaghmel mieghu.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess, u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal procedura sommarja;
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess, folio 12, Dok A.

Rat ukoll illi meta giet ezebita l-istqarrija fis-sena 2007 (mehuda din fis-sena 2003, 25 ta' Jannar, Dok AM folio 19), id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija.

Xehed l-Ispettur Geoffrey Azzopardi li nvestiga serqa minn spizerija Debbie's Pharmarcy fl-Imsida. Jghid illi din kienet sgassata b'sinjali max-shutter ta' sgass. Qal dan l-Ispettur illi saret Inkjesta Magisterjali, ezebita fil-fatt fl-atti. Jirrizulta li minn hawn naqsu fost affarijiet ohra, numru ta' top-up vouchers - kienu tal-Go Mobile kif ukoll tal-Vodafone.

Mela mill-istess investigazzjoni rrizulta lill-pulizija, illi diversi nies kienu qed juzaw dawn it-top-up vouchers, cioe' kienu gew attivati fuq diversi cellulari jew anke kienu fil-pussess taghhom. Irrizultahom illi dawn inxtraw minn hanut Red Stars Social Club gestit mill-imputat. Skont l-Ispettur, mitkellem l-imputat, kien ammetta mieghu li wara li gie avvicinat minn persuna fl-istess bar, kien xtara varji top-up vouchers – ghaxra varji, jigifieri kemm Vodafone kif ukoll Go Mobile. Ma kinx f'posizzjoni jghidilhom min kienet il-persuna. Saret tfittxija ghand l-istess Mifsud ghal aktar

top-up vouchers, u nstabu fir-residenza tieghu armi tan-nar, skont l-Ispettur mhux licenzjati mill-pulizija. Gew ezebiti kemm it-top-up vouchers misjuba u l-armi formalment – tliet air guns u wiehed doublet barrel shotgun.

In kontro ezami l-Ispettur ikkoferma li ghalkemm dawn l-armi in kwistjoni ma kinux licenzjati, l-imputat kellu varji armi ohra – kollezzjoni, li fil-fatt kienu licenzjati.

Gew ezebiti wkoll mill-Ispettur Azzopardi, il-kopji tar-requests li saru kemm lil Go Mobile u lil Vodafone, ghal informazzjoni biex jigi rintraccat fuq liema linji u cellulari kienu attivati t-top-up vouchers misruqa, dawn anke kif sanciti mill-Magistrat Inkwirenti, vide Dok GA1 sa Dok GA4, folio 28 – 42.

Anthony Bonnici ghal Mobisle Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile, ikkonferma l-informazzjoni li din is-socjeta' ghaddiet lill-pulizija fil-kors ta' din l-investigazzjoni.

Xehed ukoll l-Ispettur Anthony Portelli, dak iz-zmien tas-serqa bhala Surgent, li kien kellem lid-derubata Monica Pace O'Shea li kienet qaltilhom li mill-pharmacy suggetta ghas-serq, insterqu erba' mitt lira Maltin (Lm400.00) f'valur ta' top-up cards tal-Vodafone u Go Mobile. Ikkonferma li hu kien ghamel search anke fir-residenza tal-imputat, u hemm sab kollezzjoni ta' armi. Ikkonferma li kien eleva minghand l-imputat erba' armi mhux registrati kif suppost. Gharaf dan l-Ispettur issa, l-istqarrija li ttiehdet lill-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Lulju, 2010 (folio 71). Qatt minn dakinhar ma tressqu ebda provi in difesa, nonostante diversi differimenti ghal dak l-iskop.

Kif gia' premess, din l-investigazzjoni tat rizultat mir-ricerki li saru mas-socjetajiet Go Mobile u Vodafone - dan dejjem taht il-kappa tal-Magistrat Inkwirenti, rikors relattiv u digriet a folio 34 u 35 rispettivament.

Intqal ukoll illi l-imputat irrilaxxa stqarrija, dejjem qabel l-emendi li jaghtuh id-dritt tal-assistenza legali.

Issa, in linea ma' zviluppi Kostituzzjonali, din il-Qorti fil-konfront tal-ammissibbilita' tal-istqarrija, harset lejn il-fedina penali u l-eta' tal-imputat meta giet rilaxxata l-istess (Charles Muscat vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, datata 8 ta' Ottubru, 2012).

Il-Qorti rat ukoll dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Yvonne Farrugia) vs Paul Cutajar", deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013, Appell Numru 58/2012:
"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Illi ghalhekk, ghalkemm id-Difiza ma talbet qatt l-isfilz tal-istqarrija, anzi lanqas biss kif gia' gie premess tressqu provi, din il-Qorti xorta, in vista' ta' dak hawn suespost, tqis l-istess ammissibbli.

Fl-istess stqarrija, Mifsud qal illi kien imexxi l-Kazin Zejtun Red Stars, u li kien xtara ghaxar cards tal-mobile minghand ragel ta' circa hamsa u tletin(35) sena, li pero ma kinx jafu. Qal illi xtara minghandu dawn il-cards versu erba' liri Maltin(Lm4.00)-il wahda, ghax ra li seta' jaqla' xi haga minn fuqhom. Xtara kemm tal-Go kif ukoll tal-Vodafone. Jghid illi lilu dan ir-ragel kien qallu li kien qieghed ibiegh dawn il-cards ghax kellu hanut u kien ser jaghlqu. Innega li kien qieghed jahbi xi haga.

Dwar l-armi qal illi l-air guns kienu ilhom ghandu xi ghoxrin(20) sena, mentri l-ixkubetta kienet ta' missieru. Qal illi kien jaf li kellhom ikunu registrati.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn, kemm it-top-up cards kif ukoll l-armi, instabu fil-pussess tal-imputat. Bla dubbju ta' xejn, l-imputat bil-fatt li ammetta li seta' jaqla' lira bil-bejgh ta' top-up cards 'over the counter' gewwa bar, messu kien jaf illi dawn certament ma kellhomx provenjenza pacific – ebda top-up card mahruga miz-zewg kumpaniji telefonici msemmija ma jbieghu top-up cards b'dan il-mod!

Ex admissis u anke mir-ricerki tal-istess Ufficjal Prosekutur, jirrizulta li erba' mill-armi li kellu l-imputat certament ma kinux licenzjati mal-Kummissarju tal-Pulizija, ukoll illi kienu fil-pussess tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssibu hati tat-tliet akkuzi addebitati, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 3, 9, 19, u 20 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghal multa ta' hames mitt Ewro(€500).

Tordna wkoll il-konfiska tal-erba' armi gia' ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------